SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 30/K9/21**

Data tal-laqgħa: 23 ta' Marzu 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (3)**

Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (Inc. 19270/2021)
Il-Kunsillier John Agius (Inc. 19276/2021)
Il-Kunsillier Martin John Sultana (Inc. 19268/2021)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

30.1.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, il-Kunsillier Martin John Sultana u l-Kunsillier John Agius talbu li jkunu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**30.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 29/K9/21 għall-approvazzjoni.

30.2.02 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li ssir korrezzjoni ta' item 29.3.01 sabiex tinbidel l-kelma proposta biex tiġi ppropona.

30.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti 29/K9/21.

30.2.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

30.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

30.2.06 Ma kienx hemm punti mqajjma mill-minuti.

**30.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

**30.3.01** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-monument fejn l-għajn taż-żwiemel fil-Pjazza ta' Spinola u l-monument tal-Qalb ta' Ġesu' ser jiġu restawrati. Dawn ser ikunu qed jiġu finanzjati min-naħa tal-Malta Tourism Authority. Ix-xogħolijiet jibdew meta jinħarġu l-permessi meħtieġa.

**30.3.02** Fir-rigward il-Monument tal-Ġużi Tanti, iċ-Ċermen kellem lill-kuntrattur li kellu jagħmel ix-xogħolijiet u kellu jgħatih risposta sallum. Huwa għadu ma taħ l-ebda risposta.

**30.3.03** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li r-resurfacing ta' Triq Diodorus Siculus, tlestew ix-xogħolijiet.

**30.3.04** Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-laqgħa li kellha ssir mas-sidien tal-advertising barriers. Huwa nforma lill-Kunsill li ser ikun qiegħed jorganiżża laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi issues pendenti.

**30.3.05** Fir-rigward il-ħajt li ser jiġi rranġat fi Triq il-Kbira, dawn ix-xogħolijiet għadhom ma bdewx minħabba li għad m'għadniex il-permessi meħtieġa.

**30.3.06** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li wara li tlestiet Triq Diodorus Siculus issa beda ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Trejqet il-Bajja.

**30.3.07** Fir-rigward l-ATM ta' Ta' Ġiorni, iċ-Ċermen informa li l-compliance certificate kif għadu pendenti minħabba li Transport Malta oġġezzjonaw minħabba li l-pelican lights ma kienux għadhom ġew installati.

**30.3.08** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li fl-Uffiċċju tal-Kunsill hemm numru sostanzjali ta' maskli. Huwa ssuġġerixa li l-Kunsilliera jieħdu ammont biex jitqassmu fl-area tagħhom.

**30.3.09** Is-Segretarju informa lill-Kunsill li minn l-għada 24 ta' Marzu 2021 kien ser jibda jobdi direttiva ta' azzjoni industrijali ordnata mill-UĦM. Dan jinkludi li ma jsirx kommunikazzjoni bit-telefon / email u b'kull ta' kommunikazzjoni ieħor li jirrigwarda l-ħidma tal-Kunsill min-naħa tas-Segretarju Eżekuttiv.

**30.3.10** Is-Segretarju Eżekuttiv ta dettalji dwar l-applikazzjoni għall-skema SPI.SCI.2.2020 – Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f' Malta u Għawdex. L-istima tammonta għall- €89,267.00. Dan jinkludi tibdil ta' l-equipment kollhu għall-equipment tal-plastic li jkun iktar possibli li jitnaddaf u jiflaħ għall-elementi, tibdil tal-bankijiet u użu ta' materjal riċiklabli, tibdil tal-flooring area u tibdil fis-sistema tad-dawl għall-sistema li taħdem bl-enerġija solari. Kien hemm qbil unanimu fuq din il-proposta.

**30.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

**30.4.01** Il-Kunsillier Guido Dalli staqsa jekk nistgħux ngħinu mill-fondi tal-UIF lill-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan. Kien hemm qbil li nistidnuhom għal-laqgħa fejn niddiskutu din l-applikazzjoni għaliex il-Kunsill kien qiegħed jaqbel li jgħinhom.

**30.5 Rapport Amministrattiv 2020;**

**30.5.01** Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Amministrattiv tal-2020. Huwa ta spjegazzjoni tiegħu.

**30.5.02** Wara xi korrezzjonijiet li saru l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2020.

**30.5.03** Il-Kunsillier Guido Dalli ssekondaha fl-approvazzjoni.

**30.5.04** Il-Kunsill qabel unanimament.

**30.6 Talbiet żgħar;**

**30.6.01 Email dwar Funding of Smart Solution (Inc. 18339/21);**

30.6.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma ssirx

**30.6.02 Email mill-Planning Authority dwar Development Notification (Inc. 18484/21)**

30.6.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma ssirx.

**30.6.03 Email dwar Tal-Linja Bikes (Inc. 16836/21);**

30.6.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu sabiex tiġi diskussa din l-materja.

**30.6.04 Korrispondenza dwar is-servizz tal-linja f' Ta' Ġiorni (Inc. 18737/21, 18919/21, 18713/21);**

30.6.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill għandu jagħti s-sapport kollu sabiex terġa tiġi ntorodotta is-sistema ta' tal-linja u ser ikun qiegħed jieħu l-azzjoni neċessarja.

**30.6.05 Email mingħand il-LESA dwar fondi – Proġetti fil-komunitajiet (Inc. 18962/21);**

30.6.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dawn il-fondi jintużaw għall-proġett ta' Ġnien Saver Żarb.

**30.6.06 Email dwar Nomini – Presidenti Kunsilli Skolastiċi (Inc. 18972/21);**

30.6.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jkellem lis-Sur Michele Spiteri.

**30.6.07 Email dwar Premju Żagħżagħ tas-sena 2020 (Inc. 19019/21);**

30.6.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi nominat is-Sur Wayne Bonello u ser ikun qiegħed jkellmu min-naħa tiegħu l-Viċi Sindku Clayton Luke Mula.

30.6.07.02 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ġie skużat fis-6.20p.m.

**30.6.08 Email dwar ilma diehel fi propjeta' fi Triq il-Karmnu (Inc. 19105/21);**

30.6.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqgħu miegħu sabiex niddiskutu din il-materja.

**30.6.09 Email dwar encroachment application – no objection letter (Inc. 19129/21 & 19157/21);**

30.6.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ma jsibx oġġezzjoni biex jingħata l-concession A, B u C bil-kundizzjoni li C tibqa' aċċessibli għan-nies u ma jitpoġġewx *tables and chairs*.

**30.6.10 Email dwar CityWatch MT (Inc. 19208/21);**

30.6.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niltaqgħu miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**30.6.11 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Training: Small Grant Scheme: 2nd SGS Call.**

30.6.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nkellmu lill-Caritas biex jagħmlu studju fuq l-ageing population kif dawn jistgħu jintegraw aħjar fis-soċjeta'.

**30.6.12 Email dwar Ċirk AKL 2021/027 Spazji fil-lokalita' għall-installazzjoni ta' charging pillars (Inc. 19198/21);**

30.6.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikun qiegħed jingħata ċans ta' ġimgħa sabiex il-Kunsilliera jagħtu l-opinjonijiet tagħhom fejn għandhom jsiru dawn il-point għall-*electric cars*.

**30.6.13 Applikazzjoni ħdejn il-pompa tal-Joem fi Triq Birkirkara.**

30.6.13.01 Saret diskussjoni dwar din il-materja. Filwaqt li kien hemm qbil

**30.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

30.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5325 sa 5352. (Ara Appendiċi 'B')

30.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**30.8 Skeda tal-Pagamenti**

30.8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

30.8.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

30.8.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni.

**30.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

30.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tlieta 27 ta' April 2021 fil-5.00p.m.

30.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m. .

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 19 ta' Mejju 2021